**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**25 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 92/2020/1**

**The Ramblers' Association (VO/0024)**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors tal-Assoċjazzjoni rikorrenti (aktar 'il quddiem « ir-rikorrenti ») ppreżentat fid-29 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi dan huwa rikors a tenur tal-artikolu 57(1)(a) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, Kap 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponenti hija għaqda mhux governattiva ambjentali involuta attivament fil-ħarsien tal-ambjent u fil-promozzjoni tat-tgawdija tiegħu mill-pubbliku. Illi għal dan il-għan, din l-għaqda spiss torganiżża mixjiet fil-kampanja sabiex tippromwovi l-għarfien pubbliku tal-wirt naturali, kulturali u storiku tal-gżejjer Maltin.*

*Illi fid-9 ta' Ottubru 2020, l-esponenti saret taf fil-medja lokali illi l-Awtorità tal-Artijiet ('il quddiem imsejħa "L-Awtorità") ikkonkludiet permezz ta' skrittura privata mal-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti ('il quddiem imsejħa "FKNK") "Agreement on management and operation of the Miżieb and Aħrax areas" ('il quddiem imsejjaħ "il-ftehim") illi permezz tiegħu, l-Awtorità tat lill-FKNK żewġ medded kbar tal-art, waħda fil-Miżieb u l-oħra fl-Aħrax tal-Mellieħa, b'titolu ta' kurazija (guardianship) u dana sabiex l-FKNK tamministra dawn l-artijiet u dana kollu versu l-korrispettiv totali ta' €400 fis-sena. L-esponenti saret taf ukoll illi fl-istess ġurnata ġie ffirmat ukoll 'Memorandum of Understanding (MoU) for the conservation of the Natural Environment of l-Aħrax l/o Mellieħa and Il-Miżieb" ('il quddiem imsejjaħ "l-MoU"), bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar, l-Awtorita Għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-*

*FKNK.*

*Illi l-esponenti tħossha aggravata mid-deċiżjoni tal-Awtorità li tiffirma dan il-ftehim u minnha qed tinterponi dan l-umli appell.*

*Illi l-aggravji tagħha huma numerużi, ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

*Illi fl-ewwel lok, jidher illi la l-Awtorità (u lanqas l-FKNK) ma ottjenew d-debita awtorizzazzjoni mingħand Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi imwqqfa permezz tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif jirrikjedi l-artikolu 58 tal-Kap. 549 qabel ma tat din il-konċessjoni. Lanqas ma jidher illi ġiet segwita l-proċedura elenkata fl-artikolu 59 et seq. tal-Kap. 549. Illi dan huwa kkonfermat mill-fatt illi l-MoU jirreferi għall-ftehim fil-passat, b'mod illi jikkonferma illi l-ftehim sar qabel l-MoU minkejja li ż-żewġ skritturi għandhom l-istess data. Illi dan ifisser illi l-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi ma ngħatax l-opportunita` li tpaplika dawk ir-regolamenti li hi tqis rilevanti u xierqa u wkoll tqis kull ħaġa oħra ta' sustanza, u ġiet ukoll imċaħħda mill-jedd li timponi dawk it-termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u speċifikazzjonijiet approvati li jidhrilha xierqa, inkluż, per eżempju, donazzjoni finanzjarja xierqa lill-Fond għall-Ambjent stabbilit a tenur tal-Artikolu 32(1) tal-istess Kap 549, hekk kif kellha d-dritt li tagħmel skond il-liġi.*

*Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-premess, jidher ukoll illi din il-konċessjoni saret bi ksur ta' dak li tiddisponi speċifikament il-liġi speċjali dwar il-kuraziji u ċioe' l-Artikolu 70A tal-istess Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex filwaqt li dan l-artikolu jiddisponi illi kurazija bħal din kellha tingħata mill-Ministru responsabbli għall-Ambjent wara li dan iġib awtorizzazzjoni mill-Ministru responsabbli mill-Artijiet, jidher li din il-konċessjoni ingħatat minflok direttament mill-Awtorita' tal-Artijiet mingħajr ma kellha s-setgħa li tagħmel dan u għaldaqstant din aġixxiet ultra vires.*

*Illi wkoll, u wkoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt li dan l-Artikolu jiddisponi espressament illi konċessjoni bħal din għandha tingħata permezz ta' att pubbliku, il-ftehim de quo sar sempliċimient bi skrittura privata. Illi tali irritwalità tinvalida l-ftehim de quo.*

*Illi magħdud ma dan, filwaqt li l-Artikolu 70A(3) tal-Kap. 549 jiddisponi illi qabel ma jagħmel att ta' kurazija, il-Ministru responsabbli għall-Ambjent għandu jara xi tkun il-fehma tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi dwar il-kondizzjonijiet li għandhom ikunu inklużi fl-att ta' kurazija, imkien ma jidher illi dan fil-fatt sar. Illi dan multo magis la darba l-att tal-kurazija ma sarietx mill-awtorità kompetenti, iżda saret irritwalment.*

*Illi minħabba dawn in-nuqqasijiet, dan il-ftehim huwa vvizzjat u għandu jiġi ddikjarat null u bla effett.*

*Illi fit-tielet lok, u ukoll bla preġudizzju għall-premess, ma jirriżultax illi qabel ma ġie ffirmat dan il-ftehim, l-Awtorità tal-Artijiet ottjeniet l-approvazzjoni mill-Ministru jew Segretarju Parlamentari li taħt il-portafoll tiegħu hija inkluża l-Awtorità, sabiex tiddelega il-funzjonijiet tagħha fir-rigward ta' dawn l-artijiet lill-FKNK hekk kif jiddisponi l-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, Kap 563 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Minħabba dan, meta daħlet għal dan il-ftehim, l-Awtorità aġixxiet mill-ġdid ultra vires u għaldaqstant ukoll, dan il-ftehim huwa null u bla effett.*

*Illi fir-raba lok, u l-istess, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Artikolu 31 et seq. tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta imkien ma jikkontempla trasferiment ta' art tal-Gvern permezz ta' guardianship deed avolja jikkontempla diversi modi differenti ta' trasferiment, inkluż ukoll trasferiment ta' drittijiet in personam. Għaldaqstant ukoll, it-trasferiment in kwistjoni lill-FKNK hu null u bla effett a tenur tal-artikolu 33(1) tal-istess Kap. 573.*

*Illi fil-ħames lok, u ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tfassil tal-pjan 'Miżieb and Aħrax Project Plan', li abbażi tiegħu ingħatat din il-konċessjoni u li sar bil-moħbi u unilateralment mill-FKNK, ma ġiex adottat in konformità mal-Artikolu 50 u 51 tal-Kap 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Iktar minn hekk, la l-esponenti u lanqas il-pubbliku ma ngħataw opportunità li jipparteċipaw fit-tfassil ta' dan il-pjan. Għaldaqstant, dana sar ukoll bi ksur tal-liġi Komunitarja senjatament tar-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Parteċipazzjoni Pubblika fi Pjanijiet u Programmi, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41 liema Regolamenti jimplimentaw id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tħejjija ta' ċerti pjanijiet u programmi li jirrigwardaw l-ambjent u li tgħin timplimenta il-Konvenzjoni ta' Aarhus li ġiet ratifikata mill-istat Malti fit-23 t'April 2002 u mill-Unjoni Ewropea fis-17 ta' Frar 2005. Illi barra minn hekk, la l-esponenti u l-anqas il-pubbliku ma ġew ikkonsultati fit-tfassil ta' dan il-pjan, u dana bi ksur ukoll tar-Regolament 7 tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61*

*Illi fis-sitt lok u mill-ġdid mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pjan 'Miżieb and Aħrax Project Plan', li, kif diġà ingħad fuqu ingħatat din il-konċessjoni, ma ġiex suġġettat għal-ebda stima strateġika ambjentali, kif jirrikjedi r-Regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61. Lanqas ma sar imqar eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk dan il-pjan x'aktarx huwiex ser ikollu effetti ambjentali sinifikanti, skond il-kriterji stabbiliti fit-tieni Skeda tar-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61. L-esponenti tissottometti bil-qima illi dan l-eżerċizzju kellu jsir tenut kont proprju tat-tlett kriterji li hemm riferenza għalihom f'paragrafu (2) e, f(1) u g, ta' din l-istess skeda u cioe' tal-kobor u l-firxa spazjali ta' dan il-Pjan, tal-karatteristiċi naturali speċjali ta' dawn l-artijiet, u tal-effetti li dan il-Pjan probabbilment ser ikollu fuq dawn il-paesaġġi (landscapes), liema paesaġġi għandhom status ta' protezzjoni rikonoxxut b'mod nazzjonali.*

*Illi l-anqas ma sar eżerċizzju ta' valutazzjoni tal-effetti ta' dan il-pjan fuq l-ambjent hekk kif jirrikjedi r-Regolament 6(1) tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.46 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Dawn l-istimi u valutazzjonijiet imsemmijja kellhom isiru ukoll sabiex jiġi imħares il-"Prinċipju Kawtelattiv" li l-Gvern huwa marbut li jħares skond l-Artikolu 4(1)(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kapitlu 549 tal-Liġijiet ta' Malta. U peress ukoll illi dan il-prinċipju ma ġiex imħares meta ingħatat din il-konċessjoni, dan it-trasferiment għandu jiġi meqjus bħala null u ma għandu jingħata ebda effett.*

*Illi fis-seba' lok, u bla preġudizzju għall-premess, meta jittieħed kont tad-daqs taż-żewġ artijiet in kwistjoni, il-korrispettiv totali ta' €400 fis-sena mhux biss huwa irriżorju, sproporzjonat u jikkonferma kemm din il-konċessjoni ingħatat abbużivament, iżda wkoll*

*qed jarreka danni konsiderevoli fil-forma ta' dħul mitluf lill-fondi pubbliċi inkluż potenzjalment kontribuzzjoni xierqa lill-Fond għall-Ambjent kif jiddisponi l-Kap 549.*

*Illi fit-tmien lok, u ukoll mingħajr preġudizzju għall-premess, fi-klawsola 8.1. et seq, il-ftehim jiddisponi illi l-Ministru responsabbli mill-kaċċa u l-insib għandu ukoll jingaġġa "conservation officers", liema uffiċċjali ser ikunu qed jirrispondu lill-FKNK. Illi in kwantu li l-partijiet qed jimponu obbligu fuq il-Ministru responsabbli mill-kaċċa u nsib, liema Ministru mhuwiex parti f'dan il-kuntratt, din il-kwalsola hija res inter alios acta fir-rigward tal-istess Ministru u għaldaqstant hi nulla u bla effett. Illi fi kwalunkwe każ, l-Awtorità ma kellha l-ebda dritt illi timponi tali obbligu fuq il-Ministru responsabbli mill-kaċċa u l-insib u għaldaqtant, anke f'dan ir-rigward, aġixxiet ultra vires.*

*Illi magħdud ma dan, u ukoll mingħajr preġudizzju għas-suespost, peress illi skond l-Artikolu 124(3) tal-Kostituzzjoni, Ministru m'huwiex meqjus bħala uffiċjal pubbliku, l-ebda minsitru ma jista jiġi delegat mill-Prim Ministru bis-setgħa illi jimpjega nies fis-settur pubbliku u mħallsin minn fondi pubbliċi u dana a tenur tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. Għaldaqstant, il-klawsola 8.1 tal-ftehim tmur kontra l-Kostituzzjoni u hi konsegwentement, illegali.*

*Illi in oltre, u mill-ġdid bla preġudizzju għas-suespost, filwaqt illi jeżistu skemi bħar-Release of Public Employees to Work with Voluntary Organisations permezz ta' liema impjegati eżistenti tal-Gvern jiġu sekondati ma għaqdiet mhux governattivi, il-liġi mkien ma tikkontempla sitwazzjoni fejn is-settur pubbliku jimpjega persuni sabiex dawn jiġu immedjatament sekondati ma' għaqda mhux governattiva.*

*Illi fid-disa' lok, u mill-ġdid bla preġudizzju għall-premess, din il-konċessjoni ngħatat mingħajr ebda konsiderazzjoni tal-fatt li dawn iż-żewġ artijiet huma elementi ewlenin fil-pajsaġġi tal-art (landscape) tal-gżejjer Maltin u għaldaqstant jikkostitwixxu ukoll patrimonju kulturali Malti a tenur tal-Artikoli 2 u 3 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap 445 tal-Liġijiet ta' Malta. Minħabba f'hekk, tali konċessjoni kellha tingħata biss in konformita` ma' dak li jiddisponi l-istess Kap. 445, u cioe' mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali li b'awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-patrimonju kulturali, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-proprjetà tal-gvern, b'att pubbliku, jidħol f'att ta' kurazija ma' kunsill lokali jew ma' organizzazzjoni mhux governattiva jew ma' Aġenzija. Permezz ta' dan l-att ta' kurazija, il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli kulturali tiġi mgħoddija a tenur tal-artikolu 64 tal-istess Kap. 445 u dana biss wara li l-Ministru responsabbli mill-patrimonju kulturali jisma' l-fehma tal-Kumitat ta' Garanzija stabbilit permezz tal-istess Att, dwar dawk il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu inklużi fl-att ta' kurazija. Dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jinkludu miżuri protettivi partikolari, pjan ta' konservazzjoni u ġestjoni, arranġamenti organizzattivi, operattivi u finanzjarji u riżorsi organizzattivi ,operattivi u finanzjarji li għandhom jiġu dedikati għall-istess skond l-Artikolu 63(3) tal-istess Kap. 445.*

*Illi fl-għaxar lok, u dejjem bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tissottometti bil-qima illi parti tal-ftehim tikkonċerna art li tinstab ħmistax-il metru 'l ġewwa mil-linja tal-kosta, (inkluża dik li hi art mal-plajja, mal-massa ta' art jew mal-irdum) u li din tikkwalifika bħala 'perimetru tal-kosta' a tenur tal-artikolu 311(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. A tenur tal-artikolu 4(1)(a) tar-Raba' Skeda tal-Kap 16 dan il-*

*perimetru tal-kosta huwa meqjus bħala demanju pubbliku u dana mingħajr il-ħtieġa ta' l-ebda dikjarazzjoni. L-esponenti tissottometti bil-qima illi ma jirriżultax li din l-art ġiet deklassifikata skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tar-Raba' Skeda tal-istess Kap 16 u allura, peress illi din l-art hija fid-demanju pubbliku, din l-art hija meqjusa bħala extra commercium u dana ukoll skond l-artikolu 4 (5) tal-istess Skeda. Għaldaqstant din l-art ma tistax tkun is-suġġett ta' ftehim, skond dak li jiddisponi l-Artikolu 982(2) tal-istess Kap 16. Illi dan il-punt hu ferm importanti għas-soċjetà esponenti peress illi fl-Aħrax tal-Mellieħa, hemm rotta kostali li hi spiss użata mill-membri tagħha, liema rotta issa ser tiġi magħluqa għalihom f'ħafna żmien tas-sena minħabba dan il-ftehim.*

*Magħdud ma dan, peress li din l-għotja ma tikkwalifikax bħala 'permess amministrattiv' a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-istess Raba' Skeda' u peress li l-artikolu 4(7) tar-Raba' Skeda tal-Kap 16 jiddisponi illi "akkwist ta' xi jedd minn xi interess privat ta' xi beni tal-Gvern fid-demanju pubbliku li ma jkunux ġew deklassifikati, ħlief permezz ta' konċessjoni taħt l-artikolu 7 ta' din l-Iskeda, ikun ipso jure null u bla effett.", din il parti tal-ftehim hija għaldaqstant nulla u bla effett.*

*Barra minn hekk, jirriżulta li dik il-parti tal-konċessjoni li tirrigwarda il-perimetru tal-kosta u l-'Miżieb and Aħrax Project Plan' li fuqu ingħatat din il-konċessjoni, saru wkoll bi ksur ta' diversi obbligi internazzjonali ta' Malta fosthom dawk elenkati fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja, (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) senjatament Artikolu 4(3)(c) u Artikolu 15, u l-Protokoll fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran tal-istess Konvenzjoni senjatament l-Artikoli 6(b), (d), (e), (f), (g) u (i), 7 (1)(b) u (c), 8 (3) (c), (d) u (e), 9 (2) (d), 10 (2) (b) u 10 (3), 11, 13, 14, 18, 19, 20 fost oħrajn.*

*Illi finalment, kif ser jiġi ppruvat ukoll fil-mori ta' din il-kawża, flimkien man-nuqqasijiet u illegalitajiet imsemmija, liema nuqqasijiet jivvizzjaw din il-konċessjoni u li minħabba fihom, din il-konċessjoni għandha tiġi meqjusa bħala nulla u bla effett, din il-konċessjoni ngħatat għal konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u għal għanijiet mhux xierqa sabiex il-membri tal-FKNK (u forsi l-anqas kollha) ser igawdu minn territorju enormi ta' xi miljun u nofs metru kwadru (1,500,000 m.k.) u dan ad esklużjoni tal-kumplament tal-popolazzjoni matul perjodi estensivi tas-sena sabiex jipprattikaw id-delizzju tagħhom. Illi bħala riżultat ta' dan, il-membri tas-soċjetà esponenti ser jiġu mċaħda milli jaċċedu għal dan it-territorju vast sabiex jeżerċitaw id-delizzju tagħhom illi jimxu fil-kampanja sabiex jammiraw l-ambjent paesaġġistiku tal-pajjiż matul tali perjodi estensivi tas-sena kif ilhom jagħmlu għal snin twal. Dan ovvjament bi preġudizzju enormi għall-membri tas-soċjetà esponenti u l-istess soċjetà esponenti.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, is-soċjetà esponenti titlob bil-qima li dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiddikkjara li l-konċessjoni tad-9 ta' Ottubru 2020 magħmula mill-Awtorità tal-Artijiet lill-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti tal-artijiet fil-Miżieb u fl-Aħrax tal-Mellieħa bħala nulla u bla effett, bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorità tal-Artijiet inkluż tal-protest ġudizzjajru tad-9 ta' Ottubru 2020."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` ta' l-Artijiet** ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

"

1. *Illi l-Awtorita' esponenti ġiet notifikata bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti ġiet mgħotija għoxrin ġurnata ċans biex tirrispondi;*

2. *Illi f'dan l-isfond, l-Awtorita' esponenti tixtieq tissenjala s-segwenti:*

***EĊĊEZZJONI PRELIMINARI***

*Jibda biex jiġi mill-ewwel rilevat li l-appellanti qed jikkampaw fuq l-**Artikolu 57(1)(a)** tal-**Kap 563** sabiex jiggranfaw ma' dawn il-proċeduri u allura jattakkaw deċiżjoni ta' l-Awtorita' li skont l-appellanti ttieħdet bi ksur tal-**Artikolu 31** tal-**Kap 573**. Dan l-**Artikolu 57(1)(a)** tal-**Kap 563** jgħid hekk:*

**57.** (1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:

(*a*) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u

(*b*) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:

*Illi minn dan l-Artikolu jikkonsegwi li dan it-Tribunal ingħata is-setgħa li jirrevedi deċiżjonijiet tal-Awtorita' ta' l-Artijiet wara li jiġi ntavolat rikors minn 'persuna aggravata' b'dik id-deċiżjoni. Li jrid ikun determinat, għalhekk, huwa jekk ir-rikorrenti jistgħu jitqiesu bħala 'persuni aggravati'.*

*Inċidentalment, din il-kwestjoni qamet lura fis-snin fil-kamp ta' l-ippjanar. Infatti, l-Qorti fil-landmark judgment "**Il-Perit Austin Attard Montaldo vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar**" waslet għall-konklużjoni li persuna tista' titqies "aggravata" minn deċiżjoni una volta dak li jkun ikollu interess dirett fil-materja. Din is-sentenza, pero', sostniet li biex persuna tista' titqies "aggravata", din trid turi li għandha interess ġuridiku dirett u personali skont id-duttrina stretta tal-interess ġuridiku kif nafuh fl-ordinament ġuridiku ġenerali proċedurali. Infatti, kellu jkun intervent leġislattiv aktar tard li serva sabiex, fil-każ ta' l-ippjanar, terza persuna tkun tista' tappella deċiżjoni, anke jekk ma tipprovax li għandha nteress ġuridiku.*

*Mill-banda l-oħra, il-leġislazzjoni li tirregola l-Awtorita' ta' l-Artijiet ma ntroduċietx dawn l-imsemmija kunċetti pjuttost estraneji għas-sistema ġudizzjarja Maltija. Dan ifisser li bħala punto di partenza, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li għandhom interess ġuridiku dirett u personali (allura jrid ikun jappartjeni lill-bniedem proprio jew membru tas-soċjeta`) kif ukoll attwali. Bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni, l-appellanti ma jistgħu jgħidu li jippossjedu tali interess bil-mod kif spjegat u għalhekk dawn il-proċeduri għandhom ifallu ab initio.*

*Infatti, il-leġislatur ħaseb għall-mekkaniżmu ad hoc <u>kif u min, se mai, jista' jittenta azzjoni bħal dik li qed jittentaw l-appellanti,</u> anke jekk mhux quddiem dan it-Tribunal. Fil-fatt, l-*

***Artikolu 33(2)*** *tal-**Kap 573** jaħseb għall-mekkaniżmu fejn il- 'partijiet li jkunu involuti fit-trasferiment, l-Avukat Ġenerali u xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiż-żmien tat-talba' jistgħu jattakkaw trasferiment. Detto cio', hawnhekk ukoll, huwa ċar li l-appellanti ma jinkwadraw bl-ebda mod fit-termini ta' dan id-dispost.*

***MERTU***

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Awtorita' appellata tixtieq tissenjala dan li ġej f'dak li jirrigwardja s-sustanza tal-aggravji iżda qabel xejn jibda biex jiġi sottolinjat li t-trasferiment huwa wieħed leġittimu, in lineja ma' dak li jippermetti l-**Kap 573**, senjatament l-**Artikolu 31(g)(e)(x)** liema dispost jippermetti, mingħajr ebda formalitajiet oħra, li art tal-Gvern tkun tista' tingħata b'kiri… 'jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali'.*

*Huwa ndisputat, li l-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti għandha dimensjoni kulturali u soċjali f'dan il-pajjiż w ingħatat art b'kera bħalma ingħataw għaqdiet non governattivi matul iż-żmien. Forsi b'ko inċidenza, wieħed minn dawn l-'arranġamenti' sar appuntu mal-Birdlife Malta nhar il-21 ta' Awwissu 2018;*

*Illi ferm il-permess, l-Awtorita' appellata se tgħaddi biex tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha għal kull aggravju b'mod individwali:*

*1. Illi kwantu għal fejn ir-rikorrenti jagħtu x'jifhmu li konċessjoni tista' tingħata biss wara li jiġu kkonsultati l-**Artikoli 58** u **59** et seq. tal-**Kap 549** ossija **l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent** (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fl-ewwel lok'), għandu jintqal li dan l-argument ma jinftihemx. Kif intqal supra, l-Awtorita' ta' l-Artijiet tat kirja bis-saħħa ta' l-**Artikolu 31(g)(e)(x)** tal-**Kap 573** – punto e basta! Dan setgħet tagħmlu mingħajr ebda formalita'. B'daqshekk, ma jfissirx li l-Awtorita' tat xi carte blanche biex titwettaq attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attività jew operat mingħajr dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorita' għall-Ambjent u r-Riżorsi;*

*2. Illi kwantu għal fejn issir referenza għall-**Artikolu 70A** tal-**Kap 549** (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fit-tieni lok'), tajjeb jingħad li filwaqt li dan l-artiklu jagħti s-setgħa lill-Ministru tal-Ambjent, bl-approvazzjoni mogħtija minn qabel bil-miktub tal-Ministru responsabbli għall-artijiet, jagħmel permezz ta' att pubbliku, att ta' kurazija m'organizzazjonijiet non governattivi, dan m'għandux ifisser li l-**Artikolu 31** tal-**Kap 573** ma jistax jintuża indipendentement;*

*3. Illi kwantu għal fejn issir referenza għall-**Artikolu 28** tal-**Kap 573** (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fit-tielet lok'), l-Awtorita' lanqas hawn ma tista' tifhem ir-rilevanza ta' dan l-aggravju. Dan l- **Artikolu 28** jitkellem dwar li 'L-Awtorità tista', skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u Delega ta' setgħat bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiddelega xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa'. F'dan il-każ, l-Awtorita' mhu qed tiddelega ebda poter mill-funzjonijiet li hi tenuta twettaq skont l-Att;*

*4. Illi kwantu għal fejn issir referenza għall-**Artikolu 31** et seq. tal-**Kap 573** (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fir-raba' lok'), jiġi ribadit li l-**Artikolu 31(g)(e)(x)** speċifikament jippermetti, mingħajr ebda formalitajiet oħra, li art tal-Gvern tista' tingħata*

*b'kiri… 'jekk tikkonsisti f'art li tiġi mogħtija għal raġunijiet umanitarji, filantropiċi, kulturali jew soċjali'. Huwa ndisputat, li l-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba u Konservazzjonisti għandha dimensjoni kulturali u soċjali f'dan il-pajjiż bħal del resto is-soċjeta' rikorrenti. Molto piu', l-Awtorita' għamlitha ċara min-naħa tagħa li d-'dritt' trasferit kien wieħed ta' natura personali u xejn aktar u dan billi kienet inkluża l-kundizzjoni segwenti fil-ftehim:*

*"2.1 The grantor hereby grants unto the guardian who accepts, the exclusive management and operation of the site, it being clearly agreed and understood that this grant constitutes a personal right competent solely to the guardian of the site, and is restricted solely and exclusively to the operation of the site."*

*5. Illi kwantu għal fejn issir referenza għat-tfassil tal-pjan 'Miżieb and Aħrax Project Plan' u li dan għandu jiġi suġġettat għal stima strateġika ambjentali (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fil-ħames lok'), jiġi preċiżat li klawsola 15 tal-Memorandum of Understanding jistipula ċar u tond li:*

*"This agreement does not exempt the FKNK from the requirement to obtain all the necessary permits required by law including those required from the ERA for the implementation of the services and tasks referred to in the MOU."*

*6. Illi kwantu għal fejn issir referenza għal dak li jesiġu d-diversi liġijiet sussidjarji taħt il-**Kap 549** (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fis-sitt lok'), jerġa' jingħad li l-ftehim bl-ebda mod ma ta ebda carte blanche biex l-FKNK jagħmlu li jridu a skaptu tar-regoli ambjentali. Hawn terġa' ssir referenza għal klawsola 15 tal-Memorandum of Understanding;*

*7. Illi kwantu għal fejn issir referenza għal fatt li l-kumpens annwali ta' €400 huwa wieħed irriżorju (ara l-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fis-seba' lok'), wieħed irid iżomm f'moħħu li hawn si tratta ta' organizazzjoni b'dimensjoni kulturali w soċjali f'dan il-pajjiż li mhux qiegħda hemm biex tagħmel il-profitti. Fi kwalunkwe każ, wieħed irid jara din iċ-ċifra fil-kuntest ta' l-obligi li l-organizzazzjoni tgħabbiet bihom;*

*8. Illi kwantu għal fejn ir-rikorrenti individwaw li hemm numru ta' dispożizzjonijiet li huma legalment insostenibbli, fosthom li l-Ministru responsabbli mill-kaċċa w l-insib għandu wkoll jingaġġa ċonservation officers meta l-Ministru m'huwiex parti mill-kuntratt u għalhekk tali provvediment huwa null u bla effett (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fit-tmien lok'), jiġi ribattut li dato ma non concesso li dawn l-allegazzjonijiet huma fonadati, il-pargarafu 19.2 tal-kuntratt ħaseb għal sitwazzjonijiet bħal dawn bil-mod kif ġej:*

*"If any provision of this agreement is found to be illegal, void or unenforceable under the applicable law by any authority, this agreement shall continue in force save that such provision shall be deemed to be severed herefrom with effect from the date of such determination or such earlier date as the parties may agree."*

*Fi kwalunkwe każ, dan il-ftehim bl-ebda mod mhu qed ixejjen dawk l-obligi statutorji Ii jridu jittieħdu indipendement bil-, jew mingħajr, dan il-ftehim;*

*9. Illi kwantu għal fejn ir-rikorrenti qed jgħidu li din il-konċessjoni ingħatat bi ksur tal-Att dwar il-**Kap 445** tal-**Liġijiet ta' Malta** (ara l-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fid-disa' lok') jiġi rilevat li l-**Artikolu 64** jipprovdi proċedura biex anke s-Sovrintendent tal-Wirt Kulturali, b'att pubbliku, jidħol f'att ta' kurazija ma' enti non governattiva. Dan ma jfisser bl-ebda mod, pero', li l-Awtorita' tal-Artijiet ma tistax tgħaddi art lil xi enti governattiva bil-mekkaniżmu ravviżat fl-**Artikolu 31** tal-**Kap 573** indipendement;*

*10. Illi kwantu għal fejn ir-rikorrenti qed jgħidu li din il-konċessjoni saret bi ksur tar-**Raba' Skeda** tal-**Kodiċi Ċivili** għaliex hawn si tratta ta' art meqjusa bħala extra commercium u allura ma tistax tiġi akkwistata minn xi nteress privat ħlief permezz ta' konċessjoni (ara il-paragrafu/i marbuta mal-kliem 'fl-għaxar lok') jiġi rilevat fl-ewwel lok li skont l-**Artikolu 15(2)** ta' din l-insemmija skeda, xejn f'din l-Iskeda ma kien intiż li jaffettwa d-dispożizzjonijiet ta', jew kull ħaġa li tkun saret jew li setgħet saret fejn jikkonċerna trasferiment ta' l-Artijiet tal-Gvern. In ogni każ, m'huwiex minnu li s-sit in disamina jinsab fil-perimetru tal-kosta u allura għandu jitqies 'bħala proprjetà fid-demanju pubbliku bis-saħħa ta' din l-Iskeda u mingħajr il-bżonn ta' ebda dikjarazzjoni, reġistrazzjoni jew formalità oħra'. In piu, u dan huwa aktar importanti, kuntrarjament għal dak li qed jgħidu r-rikorrenti, "permess amministrattiv" (li r-rikorrenti jammettu li dan jista' jingħata) jinkludi speċifikament konċessjonijiet għal kuntrarju ta', per eżempju, trasferiment permezz ta' bejgħ. Detto cio, tajjeb jiġi rimarkat li l-Awtorita' kienet ukoll attenta li tinkludi kundizzjoni speċifika fil-ftehim li taqra hekk:*

*"2.2 The parties agree that the foreshore surrounding the coastal perimeter of the site, as defined in Article 311(2) of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta, shall remain part of the public domain and therefore the government reserves all rights thereon. The foreshore remains excluded from the scope of this agreement, and access to it shall remain open and free of charge at all times."*

*11. Illi kwantu għal fejn jingħad li 'Diversi obbligi internazzjonali ta' Malta fosthom dawk elenkati fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun tal-Kosta Mediterranja, (il-Konvenzjoni ta' Barċellona) senjatament Artikolu 4(3) (c) I-Artikolu 15, u l-Protokoll fuq il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali tal-Mediterran tal-istess Konvenzjoni senjatament l-Artikoli 6(b), (d), (e), (f), (g) u (i), 7(1)(b) u (c), 8 (3)(c), (d) u (e), 9(2)(d), 10(2)(b) u 10(3), 11, 13, 14, 18, 19, 20 fost oħrajn', ġew miskura, l-Awtorita' tirribatti li dan l-aggravju bl-ebda mod mhu qed jiġi sostnut.*

*Illi in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda fl-interita' tagħhom."*

Ra illi fil-21 ta' Jannar 2021 ġiet deċiża l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` intimata dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, liema deċiżjoni ġiet appellata u l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat sentenza fl-14 ta' Lulju 2021 fejn ħassret is-sentenza ta' dan it-Tribunal u bagħtet l-atti lill-istess Tribunal biex ikompli jisma' u jiddeċiedi l-vertenza;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għal sentenza finali.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Assoċjazzjoni rikorrenti (aktar 'l isfel "l-Assoċjazzjoni") pproċediet bir-rikors in kwistjoni stante li ssostni li ftehim iffirmat bejn l-Awtorita` intimata u l-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba u Konservazzjonisti (aktar 'l isfel FKNK) għandu diversi irregolaritajiet u illegalitajiet. Għaldaqstant qiegħda titlob illi dan it-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorita` intimata fejn ġie approvat il-ftehim *de quo* u wkoll li jħassar l-istess ftehim iffirmat fid-9 ta' Ottubru 2020.

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fid-9 ta' Ottubru 2020 l-Awtorita` intimata u l-FKNK daħlu fi ftehim ta' *"management and operation"* tas-siti Tal-Aħrax, fil-limiti tal-Mellieħa u tal-Miżieb għal żmien tliet (3) snin.[1] Fl-istess ġurnata, l-FKNK iffirmat *Memorandum of Understanding* (iktar 'l isfel "MOU") intitolat *"Memorandum of Understanding (MoU) for the conservation of the natural environment of l-Aħrax (l/o Mellieħa) and Miżieb"* mal-Ministru tal-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ippjanar u mal-Awtorita` għall-Ambjent u r-Riżorsi stante li s-sit konċess kien jinkludi diversi siti u speċi protetti taħt l-Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent.[2]

**Ikkunsidra:**

Illi minn dak mistqarr minn **Dr. Marisa Grech**, *Acting Chief Officer* fis-Sezzjoni tal-Kuntratti tal-Awtorita` intimata, jirriżulta illi permezz ta' *press release* tal-11 ta' April 1986, il-Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici kien ħabbar li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-FKNK fejn kien approvat li l-Għaqda twettaq il-proġett tal-Miżieb fuq prinċipji miftehma, u cioe`, li min jieħu sehem fl-attivitajiet tal-kaċċa, insib u konservazzjoni għandu jiġi tesserat mal-Għaqda ċentrali u msieħeb fil-kumitat distrettwali kkonċernat u fuq kollox ma jkollux post ieħor fejn imur għall-kaċċa. Qablu wkoll li waqt il-ħin tal-kaċċa ma jkun jista' jidħol ħadd fil-Miżieb ħlief min ikun awtorizzat jikkaċċja hemmhekk. Dawn il-kundizzjonijiet kienu japplikaw ukoll għal proġett fil-limiti tal-Aħrax tal-Mellieħa. Tispjega li fl-2014 kienet saret talba mill-FKNK sabiex ikollhom *endoresement* uffiċjali tal-ftehim li kien sar fl-1986. Tispjega wkoll li fl-2011 id-Dipartiment tal-Artijiet kien ġie mistoqsi minn BirdLife Malta dwar min kellu titolu fuq l-*area* tal-Miżieb. Id-Direttur

[1] Esebit a fol. 43 *et sequitur*
[2] Esebit bħala Dokument 2 a fol. 29 *et seq.* tar-rikors 91/20

Generali ta' dak iż-żmien kien wieġeb għall-istess ittra fejn spjegalhom li l-*area* tal-Miżieb kienet proprjeta` tal-Gvern u li mill-1986 kienet maħsuba bħala riserva għall-kaċċa u l-aċċess għaliha matul l-istaġun tal-kaċċa kien ristrett għal dawk il-persuni li jipprattikaw il-kaċċa u li kienu reġistrati mal-għaqda tal-kaċċaturi. Spjegat in oltre, li fl-2017 is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi kienet ħarġet direttiva ministerjali lill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata fejn irrakomandat li l-Awtorita` intimata tikkonċedi b'*encroachment* is-siti in kwistjoni, liema *encroachment* kellu jkun suġġett għal *management agreement*.[3] Tispjega li fl-2019 bdew id-diskussjoniiet bejn il-partijiet interessati. Għalhekk hi u kollega tagħha abbozzaw ftehim preliminari li ġie mgħoddi lill-amministrazzjoni sabiex jiġi finalizzat, liema abbozz ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi fit-12 ta' Ġunju 2020.

In kontro-eżami Dr. Marisa Grech wieġbet li ma kinitx taf jekk saritx komunikazzjoni ma' entitajiet oħra dwar l-effetti ambjentali sinjifikanti li seta' kellu l-ftehim in kwistjoni. Spjegat li hija ma kinitx involuta fid-*drafting* tal-pjanti annessi mal-ftehim.

**Ingram Bondin**, President tal-Assoċjazzjoni, permess ta' affidavit u affidavit addizzjonali, xehed illi l-għan tal-istess Assoċjazzjoni huwa li tippreserva d-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għall-kampanja u għall-kosta, u kif ukoll sabiex torganizza mixjiet fil-kampanja għall-membri tagħha. Għalhekk l-Assoċjazzjoni għandha interess li s-siti in kwistjoni ma jkunux ristretti għal attivitajiet ta' grupp żgħir ta' nies a skapitu tal-pubbliku in ġenerali. Spjega li l-konċessjonijiet in kwistjoni lill-FKNK se jħarbtu l-attivitajiet tagħhom peress li minkejja li l-passaġġi pubbliċi se jibqgħu miftuħin għall-pubbliku, se jkun hemm preġudizzju għalihom peress li r-rotot tagħhom mhux dejjem isegwu l-passaġġi pubbliċi. Fl-affidavit addizzjonali Bondin amplifika dwar l-aggravji mressqa mir-rikorrenti li eventwalment kollha ġew riflessi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-istess rikorrenti.

**Joseph Caruana**, Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar, spjega li l-*Memorandum of Understading* li sar mal-FKNK sar abbażi tal-provvedimenti li hemm fir-Regolamenti dwar il-*fauna* u n-*natural habitat*.

**Lucas Micallef**, President tal-FKNK, xehed li l-Għaqda rappreżentata minnu għandha madwar għaxart elef membru. Mistoqsi x'sistema tadopera l-Għaqda għall-persuni li jridu jipprattikaw il-kaċċa fis-siti in kwistjoni, huwa spjega li hemm sistema ta' kumitati organizzativi fejn iżommu listi tan-nies

[3] Dokument MG1 a fol. 400

li jridu jipprattikaw fis-siti, liema kaċċaturi jridu jattendu numru ta' tindifiet matul is-sena, iħawwlu siġar ġodda, jagħmlu manutenzjoni tal-abitat u l-istess kumitati jieħdu ħsieb li jtellgħu bil-polza min ikun jista' juża d-duri li hemm fiż-żoni. Spjega li f'dawn iż-żoni jista' jidħol min irid pero` d-duri jiġu allokati skont il-poloz. Jispjega li huma kienu kkumissjonaw Kumpanija terza biex tagħmel *management plans* għas-siti in kwistjoni. Mistoqsi jekk ġewx ingaġġati l-*conservation officers* imsemmija fil-ftehim, ix-xhud wieġeb li għadhom le pero` hemm diskussjonijiet għaddejjin.

**James Piscopo**, eks Kap Eżekuttiv tal-Awtorita` intimata, xehed illi wara li kien irċieva direzzjoni ministerjali bdiet diskussjoni mal-partijiet interessati. Mistoqsi jekk kienx involut fid-delinejazzjoni tal-estent tas-siti wieġeb li le pero` l-membri tekniċi tal-Awtorita` kienu ċċekkjaw il-pjanti pprovduti mill-FKNK. Fir-rigward tal-ammont li kien se jitħallas għall-konċessjoni tas-siti, ix-xhud spjega li kien hemm deċiżjoni li din tkun xi ħaġa nominali. Din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Ministeru. Fir-rigward ta' konsultazzjonijiet mal-ERA, ix-xhud wieġeb li ma kienx involut f'tali konsultazzjoni, pero` konxju li ġie ffirmat MOU mal-ERA fl-istess ġurnata li ġie ffirmat il-ftehim in kwistjoni. Mistoqsi x'għamlet l-Awtorita` biex tiżgura jekk il-konċessjoni tirrikjedix stima strateġika ambjentali a tenur tar-Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.61, ix-xhud wieġeb li l-ftehim jitkellem fuq *site conservation, management, clean up activities, educational campaigns* u għalhekk ma setax jifhem x'tip ta' sfreġju ambjentali seta' jkun hemm. Jispjega li minn dan il-ftehim il-Gvern ibbenefika wkoll għaliex fejn qabel kellek sitwazzjoni *de facto* mhux regolarizzata issa hawnhekk l-FKNK ġew imposti obbligi fuqha għal tliet snin.

**Il-Perit Michelle Piccinino,** Kap Eżekuttiv tal-ERA, spjegat illi f'xi April/Mejju 2020 kien hemm komunikazzjoni da parti tas-Segretarjat tal-Ministeru tal-Ambjent sabiex isir MOU fir-rigward tal-konċessjoni in kwistjoni. Tispjega li s-sit tal-Aħrax mhuwiex kollu kopert bi protezzjoni ambjentali. Tispjega li bħala sit *overall* huwa wieħed mis-siti l-inqas mhedda minn żvilupp pero` hemm *areas* li huma mhedda b'*littering*. Tispjega li kienu qed jiġu mhejjija l-*work plans* li kellhom jiġu żvolti fuq is-siti in kwistjoni fejn isir elenku ta' xogħolijiet li hemm bżonn isiru. Ix-xhud tispjega li l-ERA ma kinitx involuta fil-ftehim redatt mill-Awtorita` intimata. Tispjega li l-ftehim in kwistjoni ma kienx jikkwalifika bħala pjan li għalih kien hemm bżonn li ssir stima strateġika ambjentali. Fir-rigward ta' *environmental impact assessment* tispjega li jekk kien hemm ħtieġa li dan isir, dan kien kompitu tal-ERA u li kieku kien hemm bżonn li jsir kienu jitolbuh. F'dan il-każ ma ntalabx li jsir.

**L-Onorevoli Ministru Clint Camilleri**, xehed illi l-FKNK kienu ilhom diversi xhur jew snin jitolbu li jimmaniġjaw is-siti in kwistjoni. Spjega li huwa kellu diversi laqgħat magħhom bħal ma jkollu ma' diversi organizzazzjonijiet volontarji oħra ambjentali. Jispjega li pero` hu qatt ma kien preżenti għal diskussjonijiet dwar il-ftehim milħuq. Lanqas ma kien hu li ssuġġerixxa l-klawsola dwar il-gwardjani li għandhom jiġu assenjati lill-FKNK skont il-ftehim. Jispjega li huwa ma kellux lanqas x'jaqsam mal-ħlas impost fuq l-FKNK għas-siti in kwistjoni.

**Mark Mifsud Bonnici**, President tal-Għaqda Kaċċaturi San Ubertu, spjega li l-Għaqda rappreżentanta minnu għandha ftit iżjed minn tlett elef membru. Spjega li preżentement huma jimmaniġjaw sit protett li huwa sit għall-osservazzjoni tal-għasafar. Jgħid ukoll li l-Għaqda talbet art oħra simili għall-kaċċa pero` ma saritx talba formali għal xi sit partikolari għaliex kienu għadhom qegħdin jagħmlu r-riċerki fejn jista' jkun dan is-sit.

**Dr. Ivan Meli,** Segretarju Privat fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari tal-Artijiet, spjega illi huwa kien ġie inkarigat biex jaħdem fuq *management agreement* li kellu jintlaħaq mal-FKNK. Jispjega li huwa kien ġie muri żewġ ittri, waħda ffirmata mill-eks Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u oħra tal-Professur Guido De Marco. Fir-rigward tal-ħlas nominali spjega li oriġinarjament dan il-ħlas kellu jkun iżjed, pero` sussegwentement kienet ingħatat direzzjoni politika li għandha tonqos peress li l-FKNK ma kinux qed jingħataw flus bħal entitajiet oħra. Fir-rigward ta' pjanti li ġew annessi mal-ftehim, ix-xhud spjega li dawn ġew min-naħa tal-FKNK. Fir-rigward tal-ingaġġ ta' *conservation officers* spjega li kien hemm direzzjoni politika u huwa daħħalha fil-ftehim u hu bagħat l-abbozz lill-Awtorita` intimata. Mistoqsi għala fil-ftehim tintuża l-kelma "guardian" ix-xhud spjega li huwa użaha bħala l-persuni li ħa jissalvagwardjaw iż-żona. Jispjega li l-ftehim huwa wieħed privat u mhuwiex kuntratt pubbliku. Jispjega li kull meta kien hemm xi mistoqsijiet min-naħa tal-ERA dwar il-ftehim, huwa dejjem tahom il-*feedback* tieghu.

**L-Onorevoli Segretarju Parlamentari Chris Agius**, spjega illi fir-rigward tal-ħlas impost, huma ħarsu x'sar fil-passat fi ftehim ma' organizzazzjonijiet volontarji oħra fejn kienu jingħataw xi *grants*. Pero` mal-FKNK imxew b'mod differenti u waslu għal deċiżjoni li tiġi mħallsa a *nominal fee*. Mistoqsi x'jifhem bil-kelma "guardianship obligations" ix-xhud wieġeb li jifhem persuna li tħares dak li hi obbligata tħares. Jispjega li huwa kien involut f'xi tliet laqgħat biex jiġu maqbula t-termini tal-ftehim.

**Lino Farrugia**, Kap Eżekuttiv tal-FKNK, spjega li fiż-żmien tan-negozjati dwar il-ftehim in kwistjoni kien Segretarju u Teżorier. Jispjega li fil-bidu li

kien involut fl-FKNK kien involut f'diskussjonijiet mal-eks Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici. Jispjega li l-oriġinal tal-ittra ffirmata minn Dr. Karmenu Mifsud Bonnici ma kellux għaliex din kienet għand il-*liasion officer* ċertu Victor Vella li llum huwa mejjet. Jispjega li f'bullettin tal-aħbarijiet tal-2010 Dr. Karmenu Mifsud Bonnici kien anke kkonferma l-ftehim milħuq mal-FKNK. Mistoqsi jekk l-FKNK għamlitx konsultazzjoni pubblika qabel ġie ffirmat dan il-ftehim, huwa wieġeb li ma kienx hemm ħtieġa. Jispjega li s-siti in kwistjoni ilhom jiġu mmaniġjati mill-FKNK sitta u tletin sena. Jgħid li l-pubbliku għandu aċċess liberu fis-siti u s-sit qiegħed jiġi miżmum fi stat tajjeb.

In kontro-eżami wieġeb illi kemm meta ġie ffirmat il-ftehim ma' l-eks Prim Ministru Dr. Karmenu Mifsud Bonnici u kemm meta ffirma l-Professur Guido De Marco huwa kien preżenti fiż-żewġ okkażjonijiet. Jispjega li l-ftehim li daħlet fih l-FKNK huwa simili għal dak li għandha l-BirdLife għar-riserva tas-Salina bl-uniku differenza li l-BirdLife tingħata mija u ħamsin elf ewro *grant* kull sena mill-Gvern. Fir-rigward tal-pjanti annessi mal-ftehim jgħid li dawn huma l-istess pjanti li kien sar il-ftehim fuqhom fl-1986.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Assocjazzjoni ressqet diversi aggravji li fil-fehma tagħha jsostnu t-talba tagħha għall-annullar tal-ftehim in kwistjoni.

Illi permezz tal-ewwel aggravju ssostni li kien hemm nuqqas ta' awtorizzazzjoni da parti tal-Awtorita` tal-Ambjent u r-Riżorsi, liema nuqqas jirrendi null il-ftehim in kwistjoni. B'mod iktar preċiż tagħmel referenza għal artikoli 58 u 59 tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent). Illi għall-aħjar intendiment tal-kwistjoni t-Tribunal se jiċċita testwalment dawn id-disposizzjonijiet, u cioe`:

*"*58. *(1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ebda persuna m'għandha twettaq kwalunkwe attività jew operat li għandu x'jaqsam mal-ambjent jew li jolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attivitàjew operat, sakemm dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorità taħt dan l-Att.*

*(2) L-attivitajiet u l-operati msemmija fis-subartikolu (1) jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet u l-operati elenkati fl-Iskeda.*

*(3) Awtorizzazzjoni mogħtija lil xi persuna taħt dan l-Att m'għandhiex teħles dik il-persuna mill-ħtieġa bil-liġi li tapplika għal kull awtorizzazzjoni oħra tkun kif tkun deskritta, jew minn xi obbligu ieħor li joħroġ taħt xi liġi*

*oħra, jew inkella minn xi obbligu li joħroġ minn kundizzjoni marbuta ma' xi awtorizzazzjoni.*

*59.(1) Kull persuna, inkluż dipartiment tal-gvern jew korp azjendali stabbilit bil-liġi, li tkun trid twettaq xi attività msemmija fl-artikolu 58, għajr attività li tkun awtorizzata b'ordni u li trid titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tal-ordni, għandha tapplika lill-Awtorità għal awtorizzazzjoni, b'tali mod, fuq tali formola u bl-għoti ta' tali informazzjoni inkluż valutazzjonijiet u studji ambjentali, bħalma tista'tordna l-Awtorità.*

*(2) Kulħadd jista' wkoll jissottometti talba bil-miktub lill-Awtorità sabiex jiġi deċiż jekk proposta tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni, valutazzjoni ambjentali jew sottomissjoni oħra rilevanti."*

Illi fil-fehma tat-Tribunal ma jirriżultax illi dak li hemm fil-*management plans* redatti mill-FKNK huwa xi attivita relatata ma' attivitajiet elenkati fl-imsemmija Skeda. Dan ġie konfermat mill-Kap Eżekuttiv tal-ERA fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Illi, pero`, anke jekk għall-grazzja tal-argument kien hemm bżonn xi awtorizzazzjoni kif imsemmija fl-artikoli hawn fuq ċitati, il-fatt li l-ERA daħlet f'MOU mal-FKNK hija awtorizzazzjoni impliċta għall-operat li se jsir fuq is-siti. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi permezz tat-tieni aggravju l-Assoċjazzjoni saħqet illi l-Ministeru għall-Ambjent u l-Awtorita` tal-Ambjent u r-Riżorsi lagħbu rwol passiv. Illi dan it-Tribunal ma jaqbel assolutament xejn ma' din is-sottomissjoni. Il-provi juru pjuttost il-kuntrarju, u dan għaliex fl-istess ġurnata li l-Awtorita` intimata ffirmat il-ftehim in kwistjoni mal-FKNK, ġie ffirmat ukoll MOU bejn l-FKNK, l-ERA u l-Ministeru msemmi kif rappreżentat mis-Segretarju Permanenti Joseph Caruana. Kwindi l-entitajiet governattivi li f'idejhom huwa fdat il-ħarsien tal-ambjent kienu "on board" u imponew diversi obbligi fuq l-FKNK għall-ħarsien tal-ambjent fis-siti in kwistjoni. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi permezz tat-tielet aggravju l-Assoċjazzjoni tisħaq li kien hemm nuqqas ta' approvazzjoni tal-Ministru Responsabbli mill-Awtorita` tal-Artijiet għad-delegazzjoni tal-funzjonijiet tal-Awtorita` lill-FKNK u dan kif rikjest minn artikolu 28 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-imsemmi artikolu *"L-Awtorità tista', skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiddelega xi waħda jew aktar mill-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa. Avviż ta' kull delega bħal dik għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta."*

Illi l-funzjonijiet tal-Awtorita` intimata huma elenkati f'artikolu 7 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-ftehim li sar ma jistax jiġi kklassifikat bħala delega ta' xi funzjoni msemmija taħt l-imsemmi artikolu. Il-ftehim huwa wieħed ta' mmaniġjar u operazzjoni li jidħol perfettament fil-parametri tal-artikolu 31 (g)(E)(x) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Kwindi ma kien hemm ebda delega kif prospettata fil-liġi. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi permezz tar-raba' aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li l-Awtorita` hija nieqsa mis-setgħa li tagħti atti ta' kurazija. Illi dan kien punt dibattut ħafna. Illi dan it-Tribunal għarbel sew il-ftehim in kwistjoni u s-sottomissjonijiet fit-tul li saru mill-Assoċjazzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata minnha. Illi t-Tribunal jirrileva illi fl-opinjoni tiegħu, għalkemm intużat il-kelma "guardian" jew "guardianship" fil-ftehim in kwistjoni, l-istess ftehim mhuwiex wieħed ai termini tal-artikolu 70A tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif spjega l-Onor. Chris Agius u Dr. Ivan Meli, u cioe` dan tal-aħħar kien il-persuna li rrediga l-ftehim, il-kelma "guardian" intużat biex tinftiehem bħala "l-persuna li għandha tieħu ħsieb is-siti" u fl-ebda sens legali ieħor. Illi meta ħareġ ċar l-intenzjoni tal-partijiet, dan it-Tribunal ma jistax jisforza xi intenzjoni oħra fuq l-istess ftehim kif qiegħda tippretendi l-Assoċjazzjoni. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi permezz tal-ħames u s-sitt aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li t-tfassil tal-pjan tal-Miżieb u l-Aħrax ma sarx in konformita' mal-Artikolu 50 u 51 tal-Kapitolu 549 tal-Liġijiet ta' Malta u wkoll bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.41 u 549.61, u cioe`, ma saret l-ebda parteċipazzjoni pubblika fir-rigward tat-tħejjija ta' ċerti pjanijiet u programmi li jirrigwardaw l-ambjent u wkoll li ma sarx eżerċizzju sabiex jiġi determinat jekk dan il-pjan huwiex ser ikollu effetti ambjentali sinjifikanti.

Illi t-Tribunal josserva li fi klawsola 1.1.4 tal-ftehim hemm imniżżel is-segwenti, u cioe`:

*"`**Natura 2000 site**` refers to a coherent European ecological network of protected areas designated under the Council Directive 92/43/EU on the conservation of natural habitats and of wild fauna and flora, `Habitats Directive` and the Council Directive 2009/147/EU on the conservation of wild birds, `Birds Directive`, and also includes the Natura 2000 sites declared in Malta as Special Areas of Conservation and Special Protection Areas and regulated under Legal Notice 311 of 2006, `Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations." This network includes sites hosting the natural habitat types and habitats of species listed in the aforementioned Directives and Regulations, which habitat types and species*

*are to be maintained, or, where appropriate, restored, at a favourable conservation status in their natural range."*

In-Natura 2000 huwa *network* ta' siti magħżula biex jiżguraw is-sopravivenza tal-iktar speċi u abitati mhedda fl-Ewropa.

Illi l-*Management Plan* dwar is-sit tal-Miżieb u anke dwar is-sit Tal-Aħrax jelenkaw il-pjan ta' mmaniġjar tal-istess siti. Fl-introduzzjoni għal dan il-pjan, fir-rigward tas-sit tal-Miżieb jingħad is-segwenti:-

*"The FKNK believes in the sustainable management of its sites. Through a concerted effort between the Miżieb Sub-Committee and practicing members. The main aim of this Management Plan is to safeguard the recreation practices of hunters and trappers whilst at the same time conserving the natural environment of the area. For this reason, the FKNK wishes to develop the site at Miżieb and reduce the abuse and vandalism that takes place at the area. Through this Management Plan, the FKNK is seeking the Government's support for the management of the area which has been assigned to the FKNK at Miżieb."*[4]

Fir-rigward tas-sit Tal-Aħrax jingħad is-segwenti:-

*"The FKNK believes in the sustainable management of its sites. The main aim of this Management Plan is to safeguard the recreational practices of hunters and trappers whilst at the same time conserving the natural environment of the area. Another objective of this management plan is to provide the basis for the FKNK to receive governmental and other stakeholder's support for the management of the area in the limits of Mellieha. The FKNK are currently planning and aiming to receive the necessary support via governmental funds as are normally allocated for similar projects entrusted to NGO's, which will be utilised to conserve the limits of Mellieha while protecting it from vandalism and waste. The strategy would help the FKNK provide a more environmentally friendly environment for its members, locals and tourists alike. The expected and result of this is sustainability of the Mellieha area that is managed by the FKNK."*[5]

F'kull pjan imbagħad wieħed isib lista ta' attivitajiet maħsuba biex jiġu salvagwardjati l-istess siti filwaqt li jiġi prattikat l-insib u l-kaċċa.

Pereżempju fil-pjan tal-Miżieb ġie dikjarat illi l-membri tas-sotto kumitat tal-Miżieb jieħdu ħsieb il-konservazzjoni tas-siġar u jiżbruwhom, iħawwlu siġar

[4] A fol. 370
[5] A fol. 388

ġodda, fosthom siġar indiġeni, bini u manutenzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ li jservu kemm bħala abitat tal-*flora* u *fauna* u kif ukoll biex ma tintilifx ħamrija u ilma. Fl-istess pjan ġie dikjarat ukoll li l-membri tal-FKNK huma obbligati li jnaddfu s-sit filwaqt li l-Għaqda torganizza għadd ta' attivitajiet għall-pubbliku in ġenerali. L-Għaqda tieħu ħsieb ukoll li fl-istaġun tal-kaċċa tagħmel *signposts* biex tinforma lill-pubbliku in ġenerali li tkun għaddejja l-kaċċa filwaqt li hemm *area* imfassla għall-*picnics* li tiġi mantnuta mill-Għaqda u l-membri tagħha.

Il-Pjan tal-Aħrax huwa mfassal fuq linji simili pero` fl-istess sit ma hemmx *area* imfassla fejn wieħed jista' jagħmel *picnic*. Fil-pjan tal-Għaqda hemm imniżżel li *area* bħal din tisa' tiġi ppjanata biex tinkoraġġixxi lill-Maltin u lit-turisti jgħaddu l-ħin liberu tagħhom fl-istess sit.

Illi minn qari tal-*Management Plans* ippreżentati lill-Awtorita` intimata, it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova illi dan imur kontra r-reġim ambjentali li japplika għas-siti Natura 2000. Minn dak li seta` jixtarr it-Tribunal, fl-istess pjanijiet, għalkemm huwa msemmi li se ssir kaċċa u nsib fis-siti msemmija, hemm ukoll element qawwi ta' konservazzjoni, liema element huwa l-bażi tar-reġim ambjentali applikabbli għas-siti Natura 2000. Illi filwaqt li fir-rikors numru 91/20 u li mexa kontestwalment ma' dak preżenti, ġew elenkati numru ta' infrazzjonijiet riskontrati minn Birdlife Malta għal dak li għandu x'jaqsam kaċċa ta' għasafar u bini llegali fuq is-sit tal-Miżieb[6] dan ma jfissirx illi l-Għaqda FKNK għandha tieħu r-responsabbilita` tagħhom. Jibda biex jingħad illi fil-ftehim ġie stipulat illi fis-siti in kwistjoni jista' jkun hemm biċċiet minnhom imqabbla mill-Gvern lil terzi u li allura l-FKNK trid tirrispetta d-drittijiet li terzi jista' jkollhom fuq l-istess biċċiet ta' art.[7] Kwindi, anke jekk kien hemm xi irregolaritajiet fil-passat, dawn jistgħu twettqu kemm minn membri tal-FKNK u kemm minn membri mhux tal-FKNK. Hu x'inhu l-każ sakemm il-membri tal-FKNK jeżerċitaw il-prattika tal-kaċċa u nsib fuq għasafar mhux protetti u fil-perjodu stipulati bil-liġi, u allura ma jkunux qegħdin jiksru l-ebda liġi la nostrana u lanqas dik tal-Unjoni Ewropeja, dan it-Tribunal ma jqisx illi l-ftehim imur kontra xi direttiva tal-Unjoni Ewropeja jew xi liġi nostrana li tissalvagwardja l-ambjent u diversi speċi, inkluż għasafar li jbejtu Malta jew migratorji.

Illi, pero`, iktar minn hekk, fid-data li ġie ffirmat il-ftehim, ġie ffirmat ukoll *Memorandum Of Understanding* bejn il-Ministeru tal-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, l-Awtorita għall-Ambjent u r-Riżorsi u l-FKNK. Illi għall-kompletezza dan it-Tribunal qiegħed jirriproduċi dan l-MOU fl-intier tiegħu, u cioe`:-

---

[6] Ara fol. 77 *et sequitur* tar-rikors numru 91/20
[7] Klawsola 5.14 tal-ftehim

***"Background***

1. *That by virtue of the private agreement dated 9th October 2020 entered into between the Lands Authority and the Federazzjoni Kaccaturi Nassaba u Konservazzjonisti (FKNK) the Land Authority granted the management and operation of the area known as il-Mizieb and various areas within l-Ahrax along the Marfa Peninsula (both hereinafter referred to as 'Site/s') to FKNK to be used exclusively for the activities defined in the related management/project plans including but not limited to hunting, trapping, sport shooting and other leisure activities;*

2. *FKNK desirous to continue to protect and safeguard the areas covered in the above-mentioned private agreement, both hereinafter referred to as 'Site/s' are entering into the Memorandum of Understanding (MoU) with the Ministry for the Environment, Climate Change and Planning, (MECP) and the Environment and Resources Authority (ERA) in order to further promote environmental conservation of the areas concerned.*

3. *For the avoidance of any doubt, this MOU shall be independent of the private agreement dated 9th October 2020 above-quoted, but given that the Sites in the private agreement include various protected areas and protected species under the Environment Protection Act( Chapter 549 of the Laws of Malta, hereafter referred to as the 'EPA'), FKNK is entering into this MOU with its primary objective being that of managing same Sites in accordance with the provisions of the EPA, ( which reference, includes all subsidiary legislation under Chapter 549 of the Laws of Malta), whilst promoting the environment.*

4. *Any one of the parties may decide to terminate this agreement mentioned in clause 1 expires or it is terminated for any reason whatsoever.*

***Details of the MOU***

*Consequently, and in furtherance of the objectives above-indicated, FKNK agrees to the following :*

5. *FKNK undertakes to manage the Sites in accordance with the EPA and the related EU environment acquis. FKNK guarantees not to change in any way whatsoever the principal nature and assure the conservation of the Site, including its protected habitats, species, and landscape features.*

6. *FKNK shall be responsible to manage the site through, inter alia, routine administration; implementing measurements in line with the relevant legislation under the EPA and the related EU environment acquis; monitoring of biodiversity and patrolling the site; reporting to the relevant competent authorities any offences in breach of the EPA; carrying out of relevant education, research and awareness raising; and ensuring appropriate stakeholder engagement.*

7. *FKNK shall ensure that all public passageways and thoroughfares remain open to the public at all times.*

8. *FKNK declares that it will not hinder or obstruct any officers from ERA or MECP entrusted with a public service and who attend on the Sites in the exercise of their duties according to law, and will not otherwise unduly interfere with the exercise of such lawful duties.*

9. *FKNK shall also ensure that any signage shall be landscape-sensitive, non-intrusive and in strategic locations in accordance with the relevant applicable legislation. Signs within areas protected under the EPA shall be pre-approved by ERA.*

10. *FKNK shall not assign, transfer or sub-contract any part of this Agreement, without the prior written authorisation of MECP and ERA.*

11. *Nonetheless, FKNK is authorised to give temporary and limited access of the land/s to third parties exclusively to carry out activities, whether periodically or not, which are not detrimental to the area itself in collaboration with FKNK.*

12. *FKNK shall not place any orders with suppliers, or otherwise incur liabilities, in the name of MECP and/or ERA or any representative thereof unless previously authorised in writing by MECP and/or ERA.*

13. *The implementation of this MOU shall be coordinated by the designated responsible Sub-Committee set up by FKNK for this purpose, and all issues pertaining to this understating shall be channelled to the same Sub-Committee, who will turn have the discretion to delegate and direct that any particular matter is entrusted to a particular person to liaise with ERA and/or MECP.*

14. *MECP shall coordinate discussions between all parties of the formulation of a Work Plan in relation to protected areas within the Site, detailing measures for the implementing this Agreement which shall be agreed to between all parties.*

***General Clauses on the MOU***

15. *This Agreement does not exempt the FKNK from the requirement to obtain all the necessary permits required by law including those required from ERA for the implementation of the services and tasks referred to in this MOU.*

16. *Without prejudice to any other relevant agreements signed by either party in connection with the Site/s this Agreement does not constitute any form of title to the land and/or property within the Site/s.*

17. *Information given by ERA or MECP to the FKNK through email or another medium cannot be published or disclosed unless parties agree beforehand in writing to disclose such information, provided each Party shall be entitled to disclose correspondence or information or extracts thereof to any Court or administrative body as may be necessary in the performance of their legal obligations and/or to defend themselves in any claims made by an third parties.*

***Default and Termination Clauses***

18. *FKNK shall be in default if it is in breach of environmental legislation under the provisions of the EPA and its subsidiary legislation.*

19. *Where in the opinion of ERA and MECP, the FKNK is in default, ERA and MECP may notify the FKNK in writing, highlighting such default/s and giving at least ten (10) working days in which to remedy the default. If the default persists, the Era or MECP may terminate the Agreement in line with Clause 20.*

20. *ERA and MECP may in case of default, terminate all or part of this agreement, at any time, following notification in line with Clause 19, in which case ERA or MECP shall bear no costs.*

21. *On the other hand, the FKNK may, at any time terminate this agreement by giving one-month notice in writing. The one-month notice will start to reckon from the date on which the letter of termination is notified to ERA and MECP.*

22. *This Agreement shall be governed and construed in accordance with the Laws of Malta, and subject to the jurisdiction of the Maltese Courts of Law. "*[8]

Illi għalhekk, minn qari ta' dan l-MOU jirriżulta ċar illi ġie maqbul illi l-istess siti se jiġu mmaniġjati skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjonji tal-Ambjent u l-leġislazzjoni sussidjarja promulgata taħt l-istess Att. Illi kif jirriżulta l-istess MOU jobbliga lill-FKNK timplimenta miżuri li jkunu in linea mal-liġi nostrana u dik relatata mal-*acquis* dwar l-ambjent tal-Unjoni Ewropea. Illi jirriżulta ċar illi dan l-MOU sar fl-ambitu tal-ftehim li kien għadu kemm ġie iffirmat u jirriżulta biċ-ċar illi fuq livell inter-ministerjali kull Ministeru involut kien jaf eżattament x'kien fih il-ftehim in kwistjoni u s-sussegwenti MOU ċitat hawn fuq. Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi min-naħa amministrattiva ġie maħsub li l-FKNK tħares il-liġijiet kollha viġenti li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ambjent. Illi għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi permezz tas-seba' aggravju l-Assoċjazzjoni tisħaq illi l-ħlas ta' €400 fis-sena huwa wieħed mhux biss irriżorju u sproporzjonat iżda wkoll jikkonferma

[8] Esebit a fol. 400 *et sequitur*

kemm il-konċessjoni saret b'mod abbużiv. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi jekk wieħed jieqaf biss fuq l-ammont tista' tingħata l-impressjoni li dan huwa l-każ. Pero` meta wieħed jifli l-ftehim u jqis l-obbligi imposti u assunti mill-FKNK għaż-żamma tajba tas-siti jirrealizza li l-istess għaqda trid toħroġ ammont ta' spejjeż biex dawn is-siti jinżammu skont dak miftiehem. It-Tribunal se jiċċita ftit mill-obbligi assunti mill-FKNK, u cioe`:

*"5.5 The Guardian undertakes to regulary maintain and clean the Site and perform such duties as required by this agreement.*

*5.9 The Guardian shall be responsible to put up and/or procure all investment it deems necessary for the good management of the site in accordance with this agreement.*

*5.10 The Guardian shall take all necessary steps to ensure adequate security and safety within the Site, and to ensure the safety of all volunteers/employees working on the Site at any given time, according to health and safety regulations.*

*10.1 The Guardian shall in the joint names of the Grantor and the Guardian, prior to the signing of this Agreement, hold an insurance in order to safeguard the rights of third parties in case of third party liability...."*

Dawn l-obbligi ċertament iridu jittieħdu in konsiderazzjoni meta wieħed jiġi biex iqis jekk l-ammont imħallas mill-FKNK huwiex wieħed irriżorju jew le. Illi t-Tribunal jirrileva li ai termini tal-Kapitolu 563, l-Awtorita` intimata għandha l-obbligu li tara li jsir l-aħjar użu tal-art pubblika. B'dan ma jfissirx illi l-Awtorita` intimata trid akkost ta' kollox tara biss il-lat finanzjarju ta' kwalunkwe konċessjoni li tagħmel. Hemm kunsiderazzjonijiet oħra li jridu jsiru bħal pereżempju l-oġġettivi kulturali u soċjali li jkunu se jiġu segwiti fuq is-siti konċessi. Għalkemm dwar jekk il-kaċċa għandhiex tiġi meqjusa bħala attivita` kulturali u soċjali hemm dibattitu pjuttost jaħraq, il-fatt hu li f'Malta hawn diversi persuni li jeżerċitaw din il-prattika bħal ma hawn diversi persuni oħra li jħobbu jagħmlu mixjiet twal fil-kampanja. Illi għalhekk dan it-Tribunal ma jħossx illi l-Awtorita` intimata naqset mill-obbligi tagħha meta imponiet il-ħlas miftiehem. Dan qiegħed jingħad anke fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija minn Lino Farrugia, liema nformazzjoni bl-ebda mod ma ġiet miċħuda f'kawża li BirdLife Malta fetħet dwar l-istess ftehim u li mxiet b'mod parallell ma' dan ir-rikors[9], u cioe` li l-istess għaqda tirċievi mal-mija u ħamsin elf ewro bħala *grant* fis-sena biex tiġi sostnuta fl-attivitajiet tagħha. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

---

[9] Rikors Numru 91/20 Birdlife Malta et vs l-Awtorita` ta' l-Artijiet

Illi permezz tat-tmien aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li l-Awtorita` aġixxiet *ultra vires* għaliex imponiet obbligu fuq il-Ministru responsabbli mill-kaċċa u l-insib li jingaġġa *conservation officers* u dan mingħajr ma l-istess Ministru kien parti minn dan il-ftehim. Illi skont il-ftehim il-partijiet qablu li kienu se jiġu *seconded* uffiċjali tal-Ministeru Responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib sabiex jaqdu l-funzjoni ta' *conservation officers*. Illi f'dawn il-proċeduri r-rikorrenti pproduċew bħala xhud lill-Onorevoli Clint Camilleri, il-Ministru responsabbli mill-Ministeru msemmi li spjega dan li ġej meta mistoqsi dwar l-obbligu tal-Ministeru li jipprovdi l-gwardjani "*Aħna naħdmu f'isem Gvern wieħed u kull obbligu li sar f'isem il-Gvern aħna Gvern wieħed, issa Ministru ta' hekk jew hekk, ovvjament nimxu mar-regoli taċ-Ċivil u nimxu 'l quddiem.*" Illi dan it-Tribunal ma seta' jirriskontra l-ebda problema da parti tal-Ministru konċernat, li għalkemm ma kienx parti mill-ftehim, li jonora dak li ġie maqbul bejn il-partijiet. Illi dan it-Tribunal jifhem illi l-għan tal-*conservation officers* huwa li jħarsu s-siti minn atti llegali tant li skont l-ftehim għandu jkollhom poteri ta' infurzar. Illi t-Tribunal jifhem li dan huwa in linea mal-oġġettivi tar-rikorrenti li kollha għandhom interess li l-ambjent Malti ikun protett. Lanqas ma jimmerita li jiġi akkolta l-ilment li l-ftehim imur kontra artikolu 124 (3) tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta' ingaġġ ta' nies fis-settur pubbliku stante li l-Onorevoli Ministru Clint Camilleri stqarr illi l-ingaġġ tal-*conservation officers* kien se jsir skont il-liġijet tal-pajjiż. Kwindi, fin-nuqqas totali ta' xi prova li hemm xi diżgwid da parti tal-Ministeru Responsabbli mill-Kaċċa u l-Insib dwar l-ingaġġ ta' dawn il-*conservation officers*, dan it-Tribunal ma jħossx illi dan l-aggravju huwa wieħed mistħoqq.

Illi permezz tad-disa' aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li din il-konċessjoni ngħatat mingħajr ebda konsiderazzjoni li dawn is-siti huma elementi ewlenin fil-pajsaġġi tal-art tal-gżejjer Maltin u għaldaqstant jikkostitwixxu ukoll patrimonju kulturali Malti a tenur tal-Artiklu 2 u 3 tal-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali. Illi ai termini tal-artikolu 64 tal-Att imsemmi, is-Sovrintendent tal-Patrimoju Kulturali jista' jidħol f'att ta' kurazija ma' għaqda mhux governattiva fejn il-kustodja u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli kulturali tiġi mgħoddija lill-istess għaqda. Illi t-Tribunal diġa' esprima ruħu iktar 'il fuq illi hawn non si tratta ta' għotja ta' kurazija iżda ta' *management agreement* u kwindi ma jiskattawx id-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi dwar l-għoti ta' kuraziji.

Illi permezz tal-għaxar aggravju l-Assoċjazzjoni ssostni li parti mill-ftehim jinkludi art li tinsab ħmistax-il metru 'l ġewwa mil-linja tal-kosta u li għalhekk din tikkwalifika bħala "perimetru tal-kosta" a tenur tal-artikolu 311 (2) tal-Kodiċi Ċivili u kwindi ġie konċess lill-FKNK parti mid-demanju pubbliku. Illi dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' dan u dana peress li ai termini

ta' klawsola 2.2 tal-ftehim hemm stipulat is-segwenti "*The parties agree that the foreshore surrounding the coastal perimeter of the Site, as defined in Article 311 (2) of the Civil Code, Chapter 16 of the Laws of Malta*[10]*, shall remain part of the Public Domain and therefore the Government reserves all rights thereon. The foreshore remains excluded from the scope of this Agreement, and access to it shall remain open and free of charge at all times.*" Illi kwindi huwa ċar illi b'dan il-ftehim ġie eskluż dak li r-rikorrenti tallega li ġie użurpat. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi finalment l-Assoċjazzoni tilmenta mill-fatt illi s-siti in kwisjtoni, li jikkonsistu f'territorju ta' madwar miljun u nofs metru kwadru, se jitgawdew mill-membri tal-FKNK ad esklużjoni tal-popolazzjoni matul perjodi estensivi tas-sena. L-Assoċjazzjoni ssostni wkoll illi dan ippreġudika d-delizzju tal-membri tagħha li jimxu fil-kampanja sabiex jammiraw l-ambjent paesaġġistiku tal-pajjiż matul perjodi estensivi. Illi t-Tribunal jaqbel illi s-siti jistgħu jiġu kkunsidrati bħala estensivi pero` ma jaqbilx illi l-membri tal-Assoċjazzjoni se jiġu preklużi milli jgawdu l-paesaġġ. Illi skont il-ftehim in kwistjoni l-pubbliku in ġenerali għandu jkollu aċċess liberu ħlief fil-ħinijiet tal-kaċċa. Dan huwa neċessarju għas-salvagwardja tal-pubbliku pero` t-Tribunal huwa tal-fehma illi l-istaġun tal-kaċċa huwa wieħed limitat kemm bħala perjodu u kemm bħala ħinijiet. Illi skont Avviż Legali 163 tal-2021 l-istaġun tal-kaċċa għar-Rebbiegħa 2021 limitat għas-summien fetaħ mill-10 sat-30 ta' April 2021 kuljum minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar. Filwaqt li ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 l-istaġun tal-kaċċa tal-Ħarifa kien miftuħ mill-1 ta' Settembru 2021 sal-31 ta' Jannar 2022 b'dana illi bejn il-15 ta' Settembru 2021 u s-7 ta' Ottubru 2021 il-kaċċa hi permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-7:00 pm. Għall-kumplament tal-istaġun il-kaċċa hija permessa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara nżul ix-xemx. Nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi ma tistax issir kaċċa wara s-1.00 pm. Fil-fehma tat-Tribunal dan ifisser illi l-pubbliku ġenerali mhux prekluż li jaċċessa dawn is-siti f'ħinijiet ampji meta ma tkunx qed issir il-kaċċa u s-siti jistgħu jiġu gawduti liberament. Illi a differenza ta' artijiet oħra li l-Gvern jikkoċedi lill-privat u anke lil għaqdiet volontarji oħra, dan is-sit mhux se jiġi magħluq b'xi grada jew trid tħallas biex taċċedi għalih. Dan is-sit se jibqa' miftuħ u għalhekk jista' jiġi gawdut minn kulħadd salv għal perjodi u ħinijiet limitati.

---

[10] *The "foreshore" is that part of the coastal perimeter, including where it exceeds fifteen metres, which is normally covered by water due to the action of waves and the use of which is restricted by this fact. The foreshore extends up to the reach of the largest wave and, even if it lies beyond the reach of the waves, to the limits of any beach:*
*Provided that the foreshore shall not extend over or onward of a schemed public road.*

Illi għaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ħa in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet kollha prodotti mill-partijiet, huwa tal-fehma illi ma hemm xejn irregolari jew vizzjat fid-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita` intimata li tikkonċedi s-siti in kwisjtoni lill-FKNK.

**DECIDE**

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq esposti, dan it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**